2024/3164

19.12.2024

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/3164

## tat-18 ta' Diċembru 2024

## li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 992/95 fir-rigward tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni għal ċertu ħut u ċerti prodotti tas-sajd li joriġinaw min-Norveġja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 992/95 tal-10 ta' April 1995 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni tal-kwoti tat-tariffi tal-Komunità għall-ċerti prodotti agrikoli u tas-sajd li joriġinaw fin-Norveġja ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1), il-punt (b) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-2024, ġie konkluż Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar dispożizzjonijiet speċjali applikabbli għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċertu ħut u ċerti prodotti tas-sajd li joriġinaw fin-Norveġja ([2]).

(2) L-Anness tal-Protokoll Addizzjonali jipprevedi kwoti tariffarji mingħajr dazju għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 992/95.

(3) Il-Protokoll Addizzjonali jidħol fis-seħħ proviżorjament fl-1 ta' Jannar 2025 peress li dan huwa l-ewwel jum tat-tielet xahar wara li jkun ġie ddepożitat l-aħħar strument ta' ratifika f'konformità mal-Artikolu 5.2 tiegħu. Għalhekk jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika mill-istess data.

(4) Il-kwoti tariffarji annwali stabbiliti fil-Protokoll Addizzjonali jkopru l-perjodu mill-1 ta' Mejju 2021 sat-30 ta' April 2028. Il-volumi tal-kwoti tariffarji mhux użati li jkopru l-perjodu mill-1 ta' Mejju 2021 sal-31 ta' Diċembru 2024 għandhom jiġu allokati proporzjonalment għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2025 sat-30 ta' April 2025 u wara dan kull sena mill-1 ta' Mejju sat-30 ta' April ta' kull sena sa tmiem il-perjodu.

(5) Il-Protokoll Addizzjonali jipprevedi t-trasferiment tal-volumi tal-kwoti akkumulati mhux użati ta' tali kwoti tariffarji għal perjodu ta' mhux aktar minn sentejn wara tmiem l-applikazzjoni tiegħu iżda mhux aktar mill-applikazzjoni proviżorja ta' kwalunkwe protokoll sussegwenti li jistabbilixxi kwoti mingħajr dazju għall-istess prodotti.

(6) Jenħtieġ li l-kwoti tariffarji jkunu ġestiti mill-Kummissjoni abbażi tal-ordni kronoloġika tad-dati ta' meta ġew aċċettati d-dikjarazzjonijiet doganali għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera f'konformità mar-regoli għall-ġestjoni tal-kwoti tariffarji stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 ([3]).

(7) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 992/95 jiġi emendat kif xieraq.

(8) Sabiex jiġi żgurat li l-kwoti tariffarji jkunu disponibbli mid-data tad-dħul fis-seħħ proviżorju tal-Protokoll Addizzjonali, il-kwoti tariffarji previsti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw mill-1 ta' Jannar 2025. Għaldaqstant, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza.

(9) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

([1]) ĠU L 101, 4.5.1995, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1995/992/oj.
([2]) Il-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim Bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja (ĠU L, 2024/2600, 8.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/prot/2024/2600/oj).
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2015/2447/oj).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 992/95 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"Il-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.0860 sa 09.0871 għandhom ikopru l-perjodu mill-1 ta' Mejju 2021 sat-30 ta' April 2028. F'każ li dawn il-kwoti tariffarji ma jiġux eżawriti matul dan il-perjodu u f'każ li kwalunkwe protokoll sussegwenti li jistabbilixxi kwoti tariffarji mingħajr dazju għall-istess prodotti ma jiġix applikat b'mod proviżorju, l-importazzjonijiet min-Norveġja jistgħu jsiru għall-bqija tal-volum akkumulat tal-kwoti ta' dawk il-kwoti sa sentejn wara t-tmiem ta' dan il-perjodu ta' applikazzjoni iżda għal mhux aktar mill-applikazzjoni proviżorja ta' kwalunkwe protokoll sussegwenti li jistabbilixxi kwoti tariffarji mingħajr dazju għall-istess prodotti.";

(2) fl-Anness I wara n-numru tal-ordni 09.0820, jiżdied it-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Diċembru 2024.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

| Nru tal-ordni | Kodiċi NM | Subdiviżjoni TARIC | Deskrizzjoni tal-prodotti | Perjodu tal-kwota | Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor) | Dazju tal-kwota (%) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09.0860 | 0303 51 00 | | Aringi (*Clupea harengus, Clupea pallasii*), iffriżati, eskluži l-fwied u l-bajd[1] | Mill-1.1.2025 sat-30.4.2025 | 17 500 | 0 |
| | | | | Mill-1.5.2025 sat-30.4.2026 | 52 500 | |
| | | | | Mill-1.5.2026 sat-30.4.2027 | 52 500 | |
| | | | | Mill-1.5.2027 sat-30.4.2028 | 52 500 | |
| 09.0861 | 0303 55 90 | | Sawrell "*Trachurus* spp.", iffriżat (eskluži sawrell komuni u sawrell taċ-Ċilì) | Mill-1.1.2025 sat-30.4.2025 | 3 500 | 0 |
| | 0303 59 90 | | Kavalli tal-Indo-Paċifiku "*Rastrelliger* spp.", kavalli rjali "*Scomberomorus* spp.", karanġidi, krevalli "*Caranx* spp.", pompi fiddien "*Pampus* spp.", kastardella tal-Paċifiku "*Cololabis saira*", sugarotti "*Decapterus* spp.", kapelin "*Mallotus villosus*", plamti "*Sarda* spp.", marlini, pixxivela, pastardelli "Istiophoridae", iffriżati | Mill-1.5.2025 sat-30.4.2026 | 10 500 | |
| | 0303 69 90 | | Ħut iffriżat mill-familji Bregmacerotidae, Euclichthyidae, Gadidae, Macrouridae, Melanonidae, Merlucciidae, Moridae u Muraenolepididae (minbarra bakkaljaw, merluzz tal-linja sewda, pollakkju iswed, merluzz, merluzz tal-Alaska, stokkafixx, Bakkaljaw polari, merlangu, pollakkju, grenadier ikħal u lipp) | Mill-1.5.2026 sat-30.4.2027 | 10 500 | |
| | 0303 82 00 | | Raj u rebekkini ffriżati "Rajidae" | Mill-1.5.2027 sat-30.4.2028 | 10 500 | |
| | 0303 89 90 | | Ħut, iffriżat, n.e.s. | | | |

| Nru tal-ordni | Kodiċi NM | Subdiviżjoni TARIC | Deskrizzjoni tal-prodotti | Perjodu tal-kwota | Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor) | Dazju tal-kwota (%) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09.0862 | 0304 86 00 | | Fletti tal-aringi "Clupea harengus, Clupea pallasii", iffriżati | Mill-1.1.2025 sat-30.4.2025 | 45 500 | 0 |
| | 0304 99 23 | **10** | Ġwienaħ u laħam "kemm jekk kapuljat kif ukoll jekk le" tal-aringi "Clupea harengus, Clupea pallasii", iffriżati | Mill-1.5.2025 sat-30.4.2026 | 136 500 | |
| | ex 0304 49 90 | | Fletti tal-aringi, friski jew imkessħin | Mill-1.5.2026 sat-30.4.2027 | 136 500 | |
| | 0304 59 50 | | Ġwienaħ tal-aringi, friski jew imkessħin | Mill-1.5.2027 sat-30.4.2028 | 136 500 | |
| 09.0863 | 0309 10 00 | | Dqiq, frakass u pellets tal-ħut, tajbin għall-konsum mill-bniedem | Mill-1.1.2025 sat-30.4.2025 | 700 | 0 |
| | | | | Mill-1.5.2025 sat-30.4.2026 | 2 100 | |
| | | | | Mill-1.5.2026 sat-30.4.2027 | 2 100 | |
| | | | | Mill-1.5.2027 sat-30.4.2028 | 2 100 | |
| 09.0864 | 1604 12 91<br>1604 12 99 | | Aringi, imħawrin u/jew ippreservati fil-ħall, fis-salmura | | Piż nett mingħajr ilma | 0 |
| | | | | Mill-1.1.2025 sat-30.4.2025 | 19 600 | |
| | | | | Mill-1.5.2025 sat-30.4.2026 | 58 800 | |
| | | | | Mill-1.5.2026 sat-30.4.2027 | 58 800 | |
| | | | | Mill-1.5.2027 sat-30.4.2028 | 58 800 | |
| 09.0865 | 1605 21 10<br>1605 21 90<br>1605 29 00 | | Gambli u gambli kbar, imqaxxrin u ffriżati, ippreparati jew ippreżervati | Mill-1.1.2025 sat-30.4.2025 | 4 900 | 0 |
| | | | | Mill-1.5.2025 sat-30.4.2026 | 14 700 | |
| | | | | Mill-1.5.2026 sat-30.4.2027 | 14 700 | |
| | | | | Mill-1.5.2027 sat-30.4.2028 | 14 700 | |

| Nru tal-ordni | Kodiċi NM | Subdiviżjoni TARIC | Deskrizzjoni tal-prodotti | Perjodu tal-kwota | Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor) | Dazju tal-kwota (%) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09.0866 | 1604 11 00 | | Salamun, ippreparat jew ippreżervat, sħiħ jew f'biċċiet, iżda mhux ikkapuljat | Mill-1.1.2025 sat-30.4.2025 | 875 | 0 |
| | | | | Mill-1.5.2025 sat-30.4.2026 | 2 625 | |
| | | | | Mill-1.5.2026 sat-30.4.2027 | 2 625 | |
| | | | | Mill-1.5.2027 sat-30.4.2028 | 2 625 | |
| 09.0867 | 0305 41 00 | | Salamun, affumikat, inkluż fletti tal-ħut, għajr ġewwieni tal-ħut li jittiekel | Mill-1.1.2025 sat-30.4.2025 | 1 750 | 0 |
| | | | | Mill-1.5.2025 sat-30.4.2026 | 5 250 | |
| | | | | Mill-1.5.2026 sat-30.4.2027 | 5 250 | |
| | | | | Mill-1.5.2027 sat-30.4.2028 | 5 250 | |
| 09.0868 | 0306 16 99<br>0306 17 93 | | Gambli tal-familja Pandalidae, iffriżati | Mill-1.1.2025 sat-30.4.2025 | 700 | 0 |
| | | | | Mill-1.5.2025 sat-30.4.2026 | 2 100 | |
| | | | | Mill-1.5.2026 sat-30.4.2027 | 2 100 | |
| | | | | Mill-1.5.2027 sat-30.4.2028 | 2 100 | |
| 09.0869 | 0302 19 00<br>0302 22 00<br>0302 43 90<br>0302 59 20<br>0302 59 30<br>0302 81 15<br>0302 89 31<br>0302 91 00<br>0302 99 00 | | Ħut u ġewwieni tal-ħut frisk jew imkessaħ | Mill-1.1.2025 sat-30.4.2025 | 3 570 | 0 |
| | | | | Mill-1.5.2025 sat-30.4.2026 | 10 710 | |
| | | | | Mill-1.5.2026 sat-30.4.2027 | 10 710 | |
| | | | | Mill-1.5.2027 sat-30.4.2028 | 10 710 | |

| Nru tal-ordni | Kodiċi NM | Subdiviżjoni TARIC | Deskrizzjoni tal-prodotti | Perjodu tal-kwota | Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor) | Dazju tal-kwota (%) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09.0870 | 0303 19 00<br>0303 53 90<br>0303 89 31<br>0303 89 39<br>0303 91 90<br>0303 99 00 | | Ħut u ġewwieni tal-ħut iffriżat | Mill-1.1.2025 sat-30.4.2025 | 4 795 | 0 |
| | | | | Mill-1.5.2025 sat-30.4.2026 | 14 385 | |
| | | | | Mill-1.5.2026 sat-30.4.2027 | 14 385 | |
| | | | | Mill-1.5.2027 sat-30.4.2028 | 14 385 | |
| 09.0871 | 0304 52 00<br>0304 73 00<br>0304 99 21<br>0304 99 99 | | Fletti tal-ħut friski, imkessħin jew iffriżati | Mill-1.1.2025 sat-30.4.2025 | 2 520 | 0 |
| | | | | Mill-1.5.2025 sat-30.4.2026 | 7 560 | |
| | | | | Mill-1.5.2026 sat-30.4.2027 | 7 560 | |
| | | | | Mill-1.5.2027 sat-30.4.2028 | 7 560 | |